**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 125

It-Tlieta, 23 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

*** 8573. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hawn fish farms liċenzjati? Kemm hemm operaturi u minn liema bajjiet joperaw?

08/05/2023

*** 8574. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista’ l-Ministru jgħid meta se jidħol fis-seħħ il-Programm għall-Iżvilupp Rurali? Jista’ jgħid jekk l-aħħar programm kienx dak għas-sena 2014 sas-sena 2020?

08/05/2023

*** 8575. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet li ssir latrina pubblika fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta?

08/05/2023

*** 8576. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista’ l-Ministru tgħid jekk hemmx pjanijiet li ssir latrina pubblika fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta?

08/05/2023

* 8577. **L-ONOR. IVAN BARTOLO** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa x-xogħol kollu fuq ir-roundabout f’tarf Triq il-Kbira, fil-Mosta?

08/05/2023

* 8578. **L-ONOR. IVAN BARTOLO** **staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista’ l-Ministru tgħid kemm ġie jiswa x-xogħol kollu fuq ir-roundabout f’tarf Triq il-Kbira, fil-Mosta?

08/05/2023

* 8697. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid kemm għaqdiet volontarji ma baqgħux reġistrati bħala tali bejn l-1 ta' Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Liema kienu dawn l-għaqdiet? F'liema setturi kienu reġistrati dawn l-għaqdiet, skont l-oqsma li jaħdmu fihom? X'kienet ir-raġuni għala ma baqgħux reġistrati?

12/05/2023

* 8698. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista’ l-Ministru tgħid jekk il-Gvern jipprovdix xi għajnuna speċifika biex l-għaqdiet volontarji jkunu jistgħu japplikaw għal skemi ta' għajnuna li joħroġ l-istess Gvern, u dan fid-dawl tal-fatt li numru ta' għaqdiet volontarji m’għandhomx persuni mħarrġa biex jimlew uħud mill-formoli li jkollhom bżonn jimtlew għal dawn l-istess għajnuniet? Jekk iva, kif jistgħu jagħmlu użu minn din l-għajnuna dawn l-istess għaqdiet?

12/05/2023

* 8700. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8232 u 8477 u jgħid kemm hu n-numru ta' tfal u żgħażagħ li għandhom taħt is-16-il sena li huma intitolati għal għajnuna mill-Gvern minħabba li għandhom bżonnijiet speċjali? Xi skemi ta' għajnuna partikulari hemm f'ċirkostanzi bħal dawn?

12/05/2023

* 8701. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8248 u 8511 u jgħid kemm hawn ċentri S.T.E.A.M. madwar Malta u Għawdex? Fejn jinsabu dawn iċ-ċentri? Kif titħaddem din is-sistema f'dawn iċ-ċentri? Kemm sar investiment f'dawn iċ-ċentri u kemm sar investiment f'kull ċentru?

12/05/2023

*** 8715. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8500, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu, u jieħu l-passi neċessarji biex ix-shelter maħsub bħala lqugħ mix-xemx għaż-żwiemel qrib il-Pjazza ta' Buġibba jiġi rranġat u miżbugħ qabel ma ssirlu iktar ħsara?

15/05/2023

*** 8716. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8500, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu, u jieħu l-passi neċessarji biex ix-shelter maħsub bħala lqugħ mix-xemx għaż-żwiemel qrib il-Pjazza ta' Buġibba jiġi rranġat u miżbugħ qabel ma ssirlu iktar ħsara?

15/05/2023

*** 8729. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6684, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u jgħid meta hemm il-ħsieb (xahar u sena) biex terġa' toħroġ is-sejħa *'FOR THE HIRE OF ONE ROPAX VESSEL UNDER A TIME CHARTER AGREEMENT' (BIMCO ROPAXTIME)'* biex jinkera r-raba' vapur għall-Gozo Channel?

15/05/2023

*** 8730. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7810, li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex, u jgħid liema faċilitajiet f'Għawdex se jintużaw għal xi parti mil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li mistennija jsiru f'Malta dalwaqt? Liema dixxiplini se jsiru f'dawn il-faċilitajiet? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm faċilitajiet oħrajn li kienu qed jiġu kkonsidrati li jintużaw għal dawn il-logħob, iżda issa mhux se jintużaw u fil-każ, x'inhi r-raġuni?

15/05/2023

*** 8731. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministeru jgħid fiex wasal il-proċess biex toħroġ is-sejħa ta' Animal Welfare Officers fis-Sezzjoni tal-Animal Welfare fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, sabiex meta jkun hemm bżonn ta' infurzar ġewwa l-gżira ta' Għawdex ma joqogħdux jiġu uffiċjali mill-Animal Welfare ta' Malta sabiex jagħtu l-għajnuna ġewwa Għawdex?

15/05/2023

*** 8732. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid x'għamel s'issa u x'beħsiebu jagħmel fil-futur qarib dwar Triq l-Arċisqof Pietru fir-Rabat, Għawdex, peress li f'dawn l-aħħar xhur f'parti minn din it-triq, maġenb il-kappella ta' Santa Marta, ċeda l-ħajt u sfrondat it-triq u tpoġġew il-barriers tal-pulizija? Jista' jgħid jekk fil-preżent hemmx periklu għan-nies u għall-

vetturi li jgħaddu minn din il-parti tal-imsemmija triq? Jista' jgħid ukoll jekk marx perit tal-Gvern fuq il-post u x'ġie deċiż?

15/05/2023

*** 8733. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati li kienu First Aiders fi ħdan il-Ministeru tiegħu u fl-entitajiet li jaqgħu taħtu, sena b'sena f'dawn l-aħħar seba' snin u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid xi grad kienu?

15/05/2023

*** 8734. L-ONOR. CHRIS SAID staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' proprjetajiet/artijiet li ngħataw b'konċessjonijiet jew saret estensjoni tal-konċessjoni mit-8 ta' Marzu 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż lil min ingħataw, fejn ingħataw (indirizz sħiħ), għal liema skop u kemm ġew mitluba jħallsu, ġewwa Għawdex u Kemmuna?

15/05/2023

*** 8748. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8536 dwar it-tħaddim tal-Manual on Work-Life Balance, peress li s-Settur Pubbliku mhuwiex is-settur privat, jista' l-Prim Ministru jgħid xi gwida jew policy qed jagħti l-Gvern lis-Settur Pubbliku? Jista' jgħid jekk għandux ikun il-Gvern li jixpruna t-tħaddim ta' dan l-istess manwal?

16/05/2023

*** 8749. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8548 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Final Opinion on works carried out by the Government in Comino*" datat 18 ta' Mejju 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

*** 8750. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8549 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: unfair treatment by the Planning Authority in the processing of a minor amendment*" datat 7 ta' Ottubru 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

***	8751.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8550 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: complaint following an alleged irregular approval of a structure on a pavement in Sliema*" datat 7 ta' Diċembru 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

***	8752.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8551 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: complaint following the rejection of representations by the Planning Authority*" datat 7 ta' Diċembru 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

***	8753.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8552 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendation not implemented: Investigation following a complaint alleging irregular acceptance of a development in St Julians*" datat 17 ta' Jannar 2023, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

***	8762.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 7857 dwar biċċa art li taqa' taħt ir-responsabilità tal-Awtorità tad-Djar fi Triq G. Carafa, l-Imtarfa, jista' l-Ministru jgħid min għandu aċċess għal din l-art? Fid-dawl tal-fatt li l-aċċess għal din l-art huwa limitat, dan ifisser li m'għandhiex titnaddaf u titħares kif xieraq?

16/05/2023

***	8763.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim settorali ffirmat bejn il-Ministeru għas-Saħħa u l-UĦM, għall-Emergency Ambulance Responders impjegati mas-settur pubbliku?

16/05/2023

***	8764.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 7692 u 8214 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6762 u b'referenza għall-Avviż Legali 47 tal-2018 li jittrasponi d-Direttiva tal-UE 2010/31/EU dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u li jdaħħal fis-seħħ it-tali dispożizzjoni, peress li l-Artikolu II tad-Direttiva tal-UE jagħmilha ċara li għal kull binja ġdida li tinbena huwa meħtieġ ċertifikat fl-użu tal-enerġija, u

peress li l-artikolu 14(3) tal-Avviż Legali 47 tal-2018 ikompli jelabora dwar ir-rekwiżiti, u peress li l-ebda wieħed mill-Avviżi Legali msemmijin fit-tweġiba tal-Ministru ma jidhru li jemendaw id-dispożizzjoni li titlob ċertifikat fl-użu tal-enerġija, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6762 u jgħid għaliex it-tali ċertifikat mhuwiex qiegħed jintalab mill-Awtorità tal-Ippjanar?

16/05/2023

*** 8765. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

*** 8766. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

*** 8767. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

*** 8806. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, jgħid jekk ingaġġax persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġa, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li s-Segretarjat Parlamentari kkonċernat nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

16/05/2023

*** 8807. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid jekk ingaġġatx persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġat, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li s-Segretarjat Parlamentari kkonċernat nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

16/05/2023

***	8808.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid jekk ingaġġatx persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġat, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li s-Segretarjat Parlamentari kkonċernat nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

16/05/2023

***	8812.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont ta' kull bidla fis-software u/jew firmware, kemm upgrade u/jew downgrade, li saret b'mod remot fuq il-meters tal-elettriku tal-konsumaturi minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari? Tista' f'kull każ tgħid meta ġiet "pushed" din il-bidla, x'kien l-għan (security fix, patch, new features eċċ.), kemm kienu l-meters li fuqhom saret din il-bidla, u minn liema version għal liema version kien it-tibdil?

16/05/2023

***	8818.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm tħassru operazzjonijiet bejn Jannar 2022 u April 2023, maqsuma xahar b'xahar?

16/05/2023

***	8819.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jipprovdi l-ismijiet ta' inhalers imniżżlin fil-lista tal-POYC u liema minnhom kienu out of stock f'dawn l-aħħar sitt xhur?

16/05/2023

***	8820.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex mhux qed tiġi ppubblikata l-lista tal-medicini out of stock fuq il-website tal-Ministeru tiegħu?

16/05/2023

***	8821.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex fis-swali tal-operazzjonijiet qed jintużaw singular packed drapes minflok il-universal drapes sets li kienu jkunu ppakkjati erbgħa, erbgħa b'konsegwenza li dan qed iwassal għal ħela ta' riżorsi u aktar skart ġenerat?

16/05/2023

*	**8822.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x’inhu l-piż ta' skart maħruġ mill-Isptar Mater Dei u liema minnu kien destinat għall-inċineratur, landfill jew riċiklar?

16/05/2023

*	**8823.	L-ONOR. IAN VASSALLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il kontenitur tal-iskart riċiklat jinsab fl-Isptar Mater Dei?

16/05/2023

*	**8850.	L-ONOR. CHRIS AGIUS	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol fil-mina ta’ Għajn Dwieli huwiex lest? Jekk fl-affermattiv, jista’ jgħid jekk l-uffiċjali ta’ Infrastructure Malta humiex sodisfatti bix-xogħol f’din id-daħla ewlenija tal-Kottonera?

17/05/2023

*	**8851.	L-ONOR. CHRIS AGIUS	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jara li jsir resurfacing ta’ Triq l-Inkurunazzjoni, f’Bormla, peress li ħafna partijiet minn din it-triq sfrondaw?

17/05/2023

*	**8852.	L-ONOR. CHRIS AGIUS	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Peress li għal tweġiba ta’ mistoqsija parlamentari l-Ministru qal li Infrastructure Malta għaddejja b’diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali kollha biex isir pjan dwar it-toroq residenzjali li ser ikunu qed isiru f’kull lokalità, jista’ l-Ministru jgħid jekk dan il-pjan tlestiex u jekk fl-affermattiv, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta’ dan il-pjan għall-Kottonera u l-madwar?

17/05/2023

*	**8853.	L-ONOR. CHRIS AGIUS	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-ħsarat fil-pavimentar tat-triq fil-Pjazza Gavino Gulia, f’Bormla, hux se jkunu qed jissewwew?

17/05/2023

* 8854. **L-ONOR. CHRIS AGIUS** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk id-dawl li għandu jsir fil-mina ta’ Għajn Dwieli huwiex komplut? Jekk fl-affermattiv, jista’ jgħid jekk dan hux kif kien imwiegħed oriġinarjament?

17/05/2023

* 8861. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid jekk id-dawl il-ġdid li se jsir mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fuq il-knisja tan-Naxxar jinkludix id-dawl fuq iz-zuntier?

17/05/2023

* 8865. **L-ONOR. CHRIS AGIUS** **staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jgħid fiex waslu l-pjanijiet biex jinbena adventure park f’Bormla quddiem id-daħla ewlenija tad-De La Salle College, proġett li ssemma fil-Baġit għas-sena 2020?

17/05/2023

* 8866. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid jekk ingaġġax persuni full-time jew part-time, u kemm persuni ingaġġa, biex joffru servizzi ta' fotografija matul l-2022? Jista' jgħid l-ammont ta' flus li l-Ministeru nefaq fuq servizzi ta' fotografija matul l-2022?

17/05/2023

* 8867. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li ssir Triq Ġorġ Mifsud Chircop, f’Ħal Qormi?

17/05/2023

* 8868. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li ssir Triq Ġorġ Mifsud Chircop, f’Ħal Qormi?

17/05/2023

* 8873. **L-ONOR. IVAN CASTILLO** **staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid x'kienu l-bidliet bejn id-Direttiva dwar il-Work-Life-Balance (WLB) maħruġa mill-Unjoni Ewropea u l-WLB LN maħruġa mill-Gvern?

17/05/2023

***	8874.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhu n-numru ta' sigħat maħduma sahra minn:
a. carers Third Country Nationals (TCN) (kemm li huma mqabbdin direttament kif ukoll permezz ta' aġenzija tax-xogħol);
b. carers Maltin; u
ċ. carers li jiġu minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea?

17/05/2023

***	8875.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' sigħat maħduma sahra minn:
a. carers Third Country Nationals (TCN) (kemm li huma mqabbdin direttament kif ukoll permezz ta' aġenzija tax-xogħol);
b. carers Maltin; u
ċ. carers li jiġu minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea?

17/05/2023

***	8876.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhuma r-rekwiżiti biex tagħmel xogħol bħala carer permezz ta' aġenziji tax-xogħol?

17/05/2023

***	8877.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma r-rekwiżiti biex tagħmel xogħol bħala carer permezz ta' aġenziji tax-xogħol?

17/05/2023

***	8935.	L-ONOR. CARMELO ABELA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-bastiment li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament qed jinżamm Malta? Jista' jikkonferma li dan il-vapur mhu ta' ebda periklu ambjentali? Kemm huwa maħsub li se jdum hawn Malta dan il-bastiment u fejn jinsab sorġut? Xi prekawzjonijiet qed jittieħdu?

18/05/2023

***	8941.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru jew huma previsti li jsiru fi Triq ix-Xatt, fix-Xgħajra, fil-parti magħrufa aħjar bħala Tal-Milord?

18/05/2023

***	8942.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet qed isiru jew huma previsti li jsiru fi Triq ix-Xatt, fix-Xgħajra, fil-parti magħrufa aħjar bħala Tal-Milord?

18/05/2023

***	8943.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija tal-Gudja nfetħietx tul is-sena li għaddiet u fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena, kif ukoll kemm ġew rappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

***	8944.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija ta' Santa Luċija (Malta) nfetħietx tul is-sena li għaddiet u fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena, kif ukoll kemm ġew rappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

***	8945.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Għaxaq infetħietx tul is-sena li għaddiet u fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena, kif ukoll kemm ġew rappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

***	8946.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Tarxien infetħietx tul is-sena li għaddiet u fl-ewwel erba' xhur ta' din is-sena, kif ukoll kemm ġew rappurtati delitti tul is-sena 2022 u kemm minnhom kienu marbuta ma' serq u frodi?

18/05/2023

***	8985.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8563, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija kollha kemm hi (intera) u jgħid x'kienet l-età u minn liema reġjun kienu ġejjin il-persuni li ddaħħlu l-isptar isofru minn Chronic Obstructive Pulmonary Disease (COPD), Occupational Lung Diseases u Pulmonary Hypertension?

19/05/2023

***	8986.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm iddaħħlu persuni l-isptar isofru minn asthma mill-2013 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll x’kienet l-età tagħhom u minn liema reġjun kienu ġejjin?

19/05/2023

***	8987.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8691, jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tad-disa’ pulizija (PC number) f’Għawdex matul l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2023 li fetaħ mill-10 ta’ April sat-30 ta’ April? Jista’ jgħid liema lokalitajiet f’Għawdex ġew sorveljati u f’liema lokalitajiet kien hemm spots checks?

19/05/2023

***	8988.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8185 dwar l-enforcement notices pendenti ġewwa San Ġiljan u Tas-Sliema, jista’ l-Ministru jgħid x’inhuma t-timeframes biex l-Awtorità tmexxi fuq dawn l-enforcements? Jista’ jgħid jekk għandux ordni biex isegwi dawn l-enforcement notices? Jekk le, x’qed iżomm l-Awtorità biex tmexxi fuqhom dawn l-enforcement notices?

19/05/2023

***	8989.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B’referenza għall-ħidma fuq il-proposta biex il-ġbir tal-iskart ġewwa l-Paceville jkun simili għal dak tal-Belt Valletta, fejn kien hemm working group magħmul minn diversi stakeholders, fosthom il-Cleansing and Maintenance Division, jista’ l-Ministru jgħid fiex waslet din il-ħidma?

19/05/2023

***	8990.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Fid-dawl li meta timxi fit-toroq ta’ Paceville xxomm riħa ta’ Kannabis, jista’ l-Ministru jgħid kemm persuni ġew imħarrka ladarba l-użu tal-kannabis għadu illegali u lanqas mhu previst li jkun legali f’postijiet pubbliċi?

19/05/2023

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Abbozz Nru 43 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

2. Abbozz Nru 55 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Logħob – Tieni Qari – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

3. Abbozz Nru 54 – Abbozz ta’ Liġi dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi – Tieni Qari – Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

4. Abbozz Nru 53 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

5. Abbozz Nru 35 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija – Tieni Qari – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

6. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

7. Abbozz Nru 3 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

8. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

9. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

10. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

11. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

12. Abbozz Nru 40 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

13. Abbozz Nru 47 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

14. Abbozz Nru 50 – Abbozz ta’ Liġi dwar l-Agrikoltura – Tieni Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

15. Abbozz Nru 56 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent – Tieni Qari – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

16. Abbozz Nru 57 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi – Tieni Qari – Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

17. Abbozz Nru 58 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Fomituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

18. Abbozz Nru 37 – Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Tielet Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

19. Estimi ta’ Dħul u Nfiq ta’ Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol – Votazzjoni

20. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet – Votazzjoni

21. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 – Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa – Votazzjoni

22. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Votazzjoni

23. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża – Votazzjoni

24. Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità Maltija tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 – Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affaordabbli – Votazzjoni

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**22 ta’ Mejju 2023**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa’ nhar **it-Tlieta, 23 ta’ Mejju 2023, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b’din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation*.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

Il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 24 ta’ Mejju 2023, fl-4.30 p.m** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Preżentazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ Ian Borg dwar it-tiġdid tal-Partnership for Peace Programme;
3. Diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali 2022 tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta skont is-sub-artiklu (2) tal-artiklu 7 tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515); u
4. Affarijiet oħra.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa’ nhar **it-Tnejn, 5 ta’ Ġunju 2023, fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b’din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Ombudsplan 2022 / 2023.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA’ ABBOZZI TA’ LIĠI

Abbozz Nru 28 – Abbozz ta’ Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 39 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 49 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja
Abbozz Nru 30 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza
Abbozz Nru 51 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Ministru għall-Ġustizzja

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**22 ta’ Mejju 2023**